Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11102 – SILVER FAWN / MHI / AYOSA HOTELES / EVERTMEL / JAMAICA DEVCO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 190/15)

1. Fit-22 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Silver Fawn C 2023 S.à r.l. ("Silver Fawn", il-Lussemburgu), finalment ikkontrollata minn Abu Dhabi Investment Authority ("ADIA", Emirati Għarab Magħquda),

— Melia Hotels International S.A. ("MHI", Spanja),

— Ayosa Hoteles S.L, Evertmel S.L u Jamaica Devco S.L (il-"Kumpaniji fil-Mira", Spanja).

Silver Fawn u MHI se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Kumpaniji fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Silver Fawn hija sussidjarja u proprjetà kollha kemm hi ta' ADIA, li hija istituzzjoni pubblika stabbilita fl-1976 mill-Emirat ta' Abu Dhabi bħala istituzzjoni ta' investiment indipendenti. Hija tinvesti fondi allokati lilha mill-Gvern ta' Abu Dhabi u timmaniġġa portafoll ta' investiment globali li huwa diversifikat fost diversi klassijiet ta' assi,

— MHI topera aktar minn 300 lukanda fi 48 pajjiż madwar l-Asja, l-Ewropa, il-Lvant Nofsani, l-Afrika, l-Amerka ta' Fuq, l-Amerka Ċentrali u l-Amerka ta' Fuq, u l-Karibew,

— Il-Kumpaniji fil-Mira huma s-sidien tal-proprjetà immobbli u n-negozji ta' seba' lukandi u klabb tal-bajjiet li jinsabu f'Calviá, Mallorca, Spanja. Qabel it-tranżazzjoni, il-Kumpaniji fil-Mira huma kkontrollati bi sħab minn MHI u Woodford Inversiones, S.L.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11102 – SILVER FAWN / MHI / AYOSA HOTELES / EVERTMEL / JAMAICA DEVCO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË